MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2117/2003

**IML Marketing & Services Ltd**

**vs**

**Paul Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Ottubruu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,167.28c), , rapprezentanti import ta' tlett *invoices* ,oltre l-imghaxijiet relattivi

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Lulju 2003, ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikati, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mija u sebgha u sittin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1167.28), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------